# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa**
**ħdax (11) ta' Diċembru 2019**

**Ċitazzjoni Nru 872/2019 FDP**

**HSBC Bank Malta p.l.c**

**Vs**

**Gordon Sammut**
**(ID 95878M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors maħluf ippresentat mis-soċjeta' rikorrenti fit-13 ta' Settembru 2019 u maħluf mill-PL Catherine Fenech, fejn talbet is-segwenti:

1. *Illi l-intimat hu debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Euro 183,365.51 (mija tlieta u tmenin elf, tlett mija ħamsa u sittin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmi) fuq il-'Home Loan' bin-numru 16164820 liema ammont huwa dovut mill-intimat in-kwantu għal €172,868.18 rappreżentanti Kapital u €10,497.33 imgħax sal-21 ta' Mejju 2019 (Dok B1);*

2. *Illi dan l-ammont huwa dovut skond kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri datat 21 ta' Marzu 2016 (Dok A);*

3. *Illi l-intimat huwa ukoll debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €758.98 in konnessjoni ma' kont bin-numru 061-130472-340 gia' 'Credit Card' bin-numru 4035 7100 3619 6975 (Dok C) li minnhom €746.37 huwa Kapital u €12.61 imgħax sat-13 ta' Mejju 2019 (Dok B2)',*

4. *Illi l-intimat huwa ukoll debitur fl-ammont ta' €846.60 rappreżentanti 'encroachment' fuq kont tat-tip 'Savings' bin-numru 061-130472-050 li minnu €802.21 jirrappreżenta Kapital u €44.39 jirrapreżenta imgħax sal-21 ta' Mejju 2019 (Dok B3).*

5. *Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut l-intimat ma hallasx u għalhekk iddekada mill-benefiċċju tat-terminu;*

*Għaldaqstant s-soċjeta' attriċi titlob li din l-Onorabbli Qorti*

1. *Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €184,971.09 oltre imgħaxijiet legali;*

2. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta'*

    a. *€183,365.51 bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

    b. *€758.98 bl-imgħax legali mill-14 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

    c. *€846.60 bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv*

*Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Settembru 2018 (Dok D) u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni. Bl-imgħax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat illi fit-13 ta' Novembru 2019 l-intimat Gordon Sammut ġie debitament notifikat.

Rat illi fit-3 ta' Diċembru 2019, imsejjah diversi drabi, l-intimat ma deherx, u l-Qorti ddifferiet il-każ għall-eċċezzjonijiet ta' l-intimat u provi kollha.

Rat illi fl-10 ta' Diċembru 2019, l-intimat reġa' ma deherx u għalhekk ġie dikjarat kontumaċi.

Semgħet ix-xhieda tal-Avukat Dr Claudia Muscat moghtija fl-10 ta' Diċembru 2019 illi kkonfermat illi l-ammont kollu kien għadu dovut kif mitlub.

Rat illi fl-10 ta' Diċembru 2019, is-soċjeta' rikorrenti ddikkjarat illi ma kellhiex aktar provi w illi l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

Rat illi fl-10 ta' Doċembru 2019 il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

Tosserva illi ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba rikorrenti kif dedotta, stante illi dina ġiet ikkonfermata mir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Dr Claudia Muscat, u ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-intimat illi, notifikat, naqas milli jidher quddiem dina l-Qorti.

Għalhekk, il-Qorti tgħaddi biex tilqa' t-talba rikorrenti kif dedotta.

**Deċizjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha tal-proċess, taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

1. **Tiddikjara** li l-intimat Gordon Sammut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' €184,971.09 oltre imgħaxijiet legali;

2. **Tikkundanna** lill-intimat Gordon Sammut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi HSBC Bank Malta plc l-ammont ta'

    a. **€183,365.51** bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

    b. **€758.98** bl-imgħax legali mill-14 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

    c. **€846.60** bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Settembru 2018 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment, ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**